MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### ANNA FELICE

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2007

Rikors Numru. 1091/2006

**Charles Galea**
**Vs**
**Dimbros Limited (C32506),**
**L K Limited (C34234) u**
**Charles Dimech**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Dimbros Limited, L.K. Limited u Charles Dimech fejn wara li ppremetta:

Illi permezz ta' rikors datat 1 ta' Dicembru, 2006, l-intimat talab u ottjena l-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru sabiex jikkawtela kreditu minnu pretis ammontanti ghal Lm7,000 rappresentanti rifusjoni ghall-hlas ta' prezz ta' vettura.

Illi permezz ta' rikors datat 26 ta' Gunju, 2006, l-intimat kien <u>gia talab u ottjena l-hrug ta'  mandat ta' sekwestru sabiex jikkawtela l-istess kreditu kontra</u> l-esponent u

martu Josephine Dimech (Dok A) u ghalhekk a tenur ta' artikolu 836 (1)(c) gia tezisti garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' l-intimat kemm il-darba din tigi kanonizzata;

Illi huwa ben stabbilit mill-gurisprudenza ta' din l-Onorabbili Qorti u l-Qorti ta' l-Appell illi l-mandati kawtelatorji jinhargu mill-Qorti kompetenti taht r-responsabilta' ta' min jitlobhom;

Illi hija l-fehma umli ta' l-esponenti illi t-talba ghall-hrug tal-mandat de quo kienet frivola, vessatorja, malizzjuza u mhux gustifikabbli;

Illi dana ghaliex apparti illi permezz tal-mandat odjern ottjeni doppio kawtela il-kawzali tal-mandat odjern huma marbuta mill-intimat ma Cit. Nru.688/06 AF (Dok B) meta r-rikors kif intavolat ma huwiex kontra s-socjetajiet L.K. Limited u Dimbros Limited u ghalhekk ma tista qatt issir kawza dwar l-istess mertu kontra s-socjetajiet indikati fil-mandat odjern kemm il-darba l-kawza 688/06 ma tigix rtirata jew ceduta bil-konsegwenzi kollha illi tali azzjoni ggib maghha;

Illi l-mandat imsemmi qed jikkawza danni sostanzjali lill-esponent stante illi s-socjetajiet L.K. Limited u Dimbros Limited jaghmlu xogholijiet ta' tiswija fit-toroq u jitfghu bids ghal tenders f'dana s-sens, liema tenders ikunu jehtiegu garanzija bankarja meta dawn jigu sottomessi;

Illi llum stess ossija il-hamsa (5) ta' Dicembru elfejn u sitta (2006) nonostante illi l-esponent kien l-orhos bidder bhal ma jirrizulta mid-dokument anness Dok C huwa ma nghatax it-tender mill-Kunsill lokali ta' l-Imgarr (Malta) stante illi ma kellux il-garanzija bankarja kif rikjesta peress illi minhabba s-sekwestru odjern, il-bank irrifjuta illi jghati tali garanzija;

Illi ghandu jigi rilevat illi dana t-tender kien ikopri perjodu kontrattwali ta' tlett (3) snin u huwa kkalkulat illi jinvolvi xogholijiet ta' circa mitt elf lira Maltin (Lm100,000) fis-sena

liema xoghol l-esponent tilef unikament konsegwenza tal-mandat odjern;

Illi l-gimgha d-diehla hemm sejha ghal tender simili minn Kunsill Lokali iehor u l-esponent ukoll ser ikun prekluz mill-jaghti l-garanzija bankarja necessarja minhabba l-mandat odjern u ghalhekk anke jekk bhal fil-kaz prezenti ikun l-orhos bidder dana ma jinghatax it-tender;

Talab lill din il-Qorti:

1. Tordna r-revoka tal-mandat ta' Sekwestru mahrug kontra Dimbros Limited, L.K. Limited u Charles Dimech li jigb ir-referenza 1641/06 stante illi:
(a) A tenur ta' Artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, gia tezisti garanzija sufficjenti ossija l-mandat li jgib ir-referenza 1141/06;

(b) l-mandat imsemmi qed jikkawza danni kbar lill-esponenti u ma huwiex gustifikat fic-cirkostanzi, illi jibqa jinzamm fis-sehh u dana a tenur ta' artikolu 836(1)(f), tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara illi t-talba ta' l-intimat ghall-hrug tal-mandat de quo saret b'malizja, u hija frivola u vessatorja u konsegwentement tikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti penali ta' mhux anqas minn hames mitt liri Maltin (Lm500) u mhux aktar minn tlett elef liri Maltin (Lm3000) ai termini ta' Artikolu 836.8 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dana taht kull provvediment illi dina l-Onorabbili Qorti jidhrilha xierqa u opportun.

3. Fin-nuqqas, a tenur ta' artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fi zmien stabbilit minn din l-Onorabbili Qorti, tordna lill-intimat jaghti garanzija ghall-hlas tad-danni u imghax jew fin-nuqqas inehhi l-mandat kawtelatorju.

Bl-ispejjes u b'riserva ghal kull azzjoni skond il-ligi.

Rat ir-risposta ta' Charles Galea fejn ippremetta illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda u dana ghas-segwenti ragunijiet:

(a) Illi preliminarjament ghandha tigi esebita kopja legali tal-mandat ta' sekwestru li dwaru qed issir it-talba ghar-revoka stante li dak esebit la huwa kopja legali u lanqas huwa integru u ma ghandux x'jaqsam ma' dawn il-proceduri;

(b) Ir-rikorrenti intavola kawza kontra Charles Dimech u martu Joyce Dimech u mandat ta' sekwestru kawtelatorju flimkien mac-citazzjoni (Mandat 1141/06);

(c) Illi wara digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Dicembru, 2006 gew kjamati fil-kawza Dimbros Limited u LK Limited u ghalhekk ir-rikorrenti intavola mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-kjamati in kawza Dimbros Limited u LK Limited (Mandat numru 1641/06);

(d) Illi ghalhekk il-kjamati fil-kawza huma parti integrali mill-kawza.

(e) Illi ghalhekk jidher car li l-esponenti agixxa skond il-ligi minghajr ma ghamel doppja kawtela;

(f) Illi t-talbiet taghhom huma a bazi li diga hemm garanzija sufficjenti li mhux il-kaz stante li l-banek ghadhom ma rrispondew xejn lill-esponenti la fl-atti tal-mandat 1141/06 mentri fl-atti tal-mandat 1641/06 zewg banek biss irrispondew li ma ghandhomx assi. Illi ghalhekk sal-lum ma hemmx garanzija sufficjenti.

(g) It-tieni raguni li qed jaghtu r-rikorrenti ghala ghandu jigi revokat dan il-mandat huwa li huma qed isofru danni kbar. Bir-rispett kollu, anke l-esponenti qed isofri danni ta' Lm7000 li huwa qed jippretendi minghand ir-rikorrenti jew min minnhom u inoltre, huma dejjem jistghu jiddepozitaw il-flus il-Qorti sabiex ikun jista johrog il-kontro-mandat.

(h) Rigward id-dikjarazzjoni mitluba u d-danni jinghad li l-mandati saru biex jigu kawtelati l-pretensjoni tar-rikorrenti kif ghandu dritt li jaghmel skond il-ligi u jinghad ukoll li sal-lum l-esponenti ghad ma ghandu ebda informazzjoni mill-banek li hemm xi flus issekwestrati li jappartjenu lil xi wiehed mir-rikorrenti.

(i) Dwar it-talbiet ghal-kundanna ta' penali u ta' garanzija ghall-hlas ta' danni, bir-rispett kollu l-mandati ma sarux b'malizja u frivoli u vessatorji kif qed jallegaw ir-rikorrenti izda biex jssalvagwardjaw il-pretensjoni tal-istess esponenti.

(j) Illi dwar l-artikolu 836 (8) Kap. 12, l-esponenti jaghmel referenza ghal decizjoni Emanuel Sammut et vs Sammut Josephine (5.6.03 per Imh. Tonio Mallia) u ghal decizjoni ohra tal-istess imhallef tat-13 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet Cole Foods Limited vs Euro Imports Limited fejn gie ritenut li:

(a) l-unika ezami li trid taghmel il-Qorti huwa dak biss ta' prima facie u huwa biss li tezamina prima facie jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess u dan independentement jekk tali pretensjoni hix fondata jew le u
(b) inoltre jekk mandat hux frivolu u vessatorju a fini ta' penali, trid tirrizulta xi wahda jew aktar mill-ipotesijiet kontemplati fl-artikolu 836 (8) tal-Kap. 12, (haga li mhux il-kaz ghax ir-rikorrenti qed jibbazaw ir-rikors taghhom ghax qed jghidu li L.K. Limited u Dimbros Limited ma saritx kawza kontra taghhom meta huma kjamati fil-kawza 688/06 AF)
(c) Filwaqt li biex tinstab responsabbli ghad-danni, ghalkemm ic-cirkostanzi mhux limitati ghal dak provdut fl-artikolu 836 (8) cirkostanzi ohra jridu johorgu mill-applikazzjoni fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kap. 16 b'mod li tkun responsabbli biss jekk tagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias. Dan ifisser, kompliet il-Qorti, kif jghid il-Baudry-Lacantinerie, li min jagixxi in mala fede jew minhabba zball grossolan, jista jigi kkundannat ihallas danni lill-avversarju tieghu.

Ghaldaqstant it-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, aktar u aktar meta huma dawn il-mandati li jistghu jikkawtelaw il-pretensjoni tar-rikorrenti.

Semghet ix-xhieda ta’ Josephine Dimech;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li r-rikors thalla ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidrat illi t-talbiet tar-rikorrenti huma bbazati fuq l-Art 836 (1)(c) tal-Kap. 12 cioe’ li ga tezisti garanzija sufficjenti permezz tal-mandat ezistenti 1141/06, u fuq l-Art 836(1)(f) cioe’ li in vista tad-danni kbar li qed jigu kkawzati lill-esponenti m’huwiex giustifikat li jibqa jinzamm fis-sehh.

Dwar l-ezistenza ta’ garanzija sufficjenti, din il-Qorti hi tal-fehma li ma ngabet quddiemha ebda prova li turi li dan fil-fatt hekk hu. L-ezitu tal-mandat citat 1141/06 huwa, milli jidher, negattiv. Ma hemm ebda prova li rizultat tieghu inzammu fondi li jistghu jiggarantixxu l-kreditu ta min hargu. Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ukoll ghax-xhieda ta’ Josephine Dimech stess, direttrici ta’ Dimbros Limited, li qalet “Mistoqsi dwar xi flus ghandha l-kumpanija l-bank nghid li ma nafx ezatt. Il-flus ikunu kollha depozitati f’ingenji, materjal, ecc. Fuq ismi m’ghandix flus il-bank. Ma nafx ir-ragel ghandux flus fuq ismu il-bank.”

Hi qalet wkoll illi:
“Ahna ma nistghux niddepozitaw is-Lm7000 fil-Qorti, ghaliex ma jkollniex daqshekk flus f’idejna ghax dejjm trid tixtri materjal, thallas l-impjegati, impjegati jithallsu cash ghax b’cash ikunu jridu.”

Il-Mandat 1141/06 ghadu ma pprovda ebda garanzija xierqa sabiex tikkawtela l-pretensjoni ta’ min hareg il-mandat u ghar-rigward tal-allegazzjoni li, rizultat tal-mandat, is-socjetajiet qeghdin isofru, dan, ghalkemm jidher li hu minnu li s-socjetajiet qed ihossu l-effetti tal-mandat ta’ sekwestru, kif xehdet id-direttrici tas-socjeta stess, dan ma jista bl-ebda mod jippregudika id-dritt tal-

intimat li jipprotegi l-interessi tieghu b'kull mod li taghtih il-ligi sakemm il-meritu tal-istess pretensjonijiet ma jigux finalment decizi mill-qorti;

Il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-mandat ta' sekwestru John Zarb vs Port Cottonera Limited tat-18 ta' Settembru, 2002 fejn din il-Qorti irriteniet illi l-fatt li giet imrazzna overdraft facility jfisser li ma tantx jidher li ghandha assi notevoli ohra fuqhiex tistrieh.

F'dan ir-rikors din il-Qorti giet mitluba ukoll tiddikjara li t-talba ghall-hrug tal-mandat de quo saret b'malizzja, u hija frivola u vessatorja u ghalhekk timporta l-effetti ai termini tal-Art 836 (8) tal-Kap 12 u tordna lill-intimat jaghti garanzija ghall-hlas tad-danni. Fil-fehma ta' din il-Qorti ma hemm ebda element li jista b'xi mod jimporta l-malizja, frivolita' jew vessatorieta' li tesigi l-ligi sabiex timponi tali penali, u dan minhabba c-cirkostanzi li diga ghamlet referenza ghalihom din il-Qorti aktar 'il fuq.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-mandat ta' sekwestru John Zarb vs Port Cottonera Limited (18 ta' Settembru, 2002), fuq citat "Il-principju assodat mill-gurisprudenza lokali hi li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabbilita' ghad-danni sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permessi mil-ligi." Ukoll fi Spiteri vs Camilleri (20 ta' Jannar, 1992) din il-Qorti irriteniet illi "l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja."

Fil-kaz in ezami ma jirrizulta ebda abbuz jew mala fede.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddisponi minn dan ir-rikors billi tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------